Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Novembru 2026
(OR. en)

15472/26

ECOFIN 1426
UEM 493
STATIS 76
ECB

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Statistika Ewropea – Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2026 dwar l-Istatistika Ewropea (9 ta' Novembru 2026)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2026 dwar l-Istatistika Ewropea kif approvati mill-Kunsill fl-4206 laqgħa li kellu fid-9 ta' Novembru 2026.

Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2026
dwar l-istatistika Ewropea

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

B'segwitu għall-prijoritajiet stipulati fil-Konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea ta' Novembru 2025, partikolarment dwar ir-Rapport tal-Istatus tal-KEF dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM u filwaqt li jitqiesu l-prijoritajiet politiċi tal-UE għall-2024-2029, il-Kunsill irrieżamina l-progress relatat mar-rekwiżiti ta' informazzjoni fl-UEM, l-istatistika għall-PDE, is-sorveljanza ta' żbilanċi makroekonomiċi u l-istatistika strutturali.

Il-bini tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika futura

Il-Kunsill JILQA' l-progress fl-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 rivedut u JINKORAĠĠIXXI lis-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) tagħmel użu sħiħ mid-dispożizzjonijiet li jagħtu aċċess għal sorsi ta' data amministrattiva u miżmuma privatament u tistabbilixxi modi effettivi ta' involviment mad-detenturi tad-data. F'dan il-kuntest, il-Kunsill JAPPELLA lill-Istati Membri għal aktar ħidma fuq il-kondiviżjoni tad-data għal finijiet ta' statistika biex jitnaqqas il-piż tar-rappurtar.

Il-Kunsill JILQA' l-prijoritajiet strateġiċi għat-titjib fit-tħejjija tal-ESS għall-IA kif approvati mill-Kumitat tal-ESS, inkluż l-użu responsabbli tal-IA għall-produzzjoni tal-istatistika, it-tħejjija tad-disseminazzjoni tal-istatistika uffiċjali Ewropea għall-era tal-IA, l-adozzjoni tal-IA fl-operazzjonijiet tal-istituti nazzjonali tal-istatistika u l-Eurostat, u l-kejl tal-adozzjoni tal-IA u l-impatt tagħha fuq l-ekonomija u s-soċjetà. Il-Kunsill JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġu żgurati l-kwalità, it-trasparenza, is-sigurtà u s-sorveljanza xierqa mill-bniedem tal-użu tal-IA fl-istatistika uffiċjali.

Il-Kunsill JILQA' l-isforzi biex tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-ESS u s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) għall-produzzjoni u l-użu tal-istatistika Ewropea, kif rifless ukoll fil-prijoritajiet strateġiċi maqbula għall-kooperazzjoni statistika bejn l-ESS u s-SEBĊ matul il-ħames snin li ġejjin.

Il-Kunsill ITENNI li statistika uffiċjali Ewropea ta' kwalità għolja teħtieġ mezzi umani u finanzjarji adegwati u JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu pprovduti dawn ir-riżorsi ddedikati, inkluż l-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet Nazzjonali aġġornata u għall-proġetti li jissostitwixxu l-ġbir dirett ta' data b'sorsi ta' data amministrattivi u oħrajn eżistenti u ġodda.

Simplifikazzjoni

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-ħidma li għaddejja dwar is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv fl-istatistika uffiċjali Ewropea, filwaqt li żżomm ir-rilevanza u r-rwol tagħha bħala bażi soda għat-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza. Il-Kunsill JILQA' l-konklużjonijiet mil-Laqgħa ta' Livell Għoli tal-ESS li saret f'Dublin fit-3 u l-4 ta' Settembru taħt il-presidenza Irlandiża tal-Kunsill tal-UE, inkluż il-pjan direzzjonali maqbul.

Il-Kunsill IĦEĠĠEĠ lill-ESS taċċellera l-ħidma tagħha fuq il-kisba ta' riżultati li jistgħu jitkejlu dwar is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piżijiet permezz tal-implimentazzjoni ta' pjan direzzjonali ta' azzjonijiet, b'kont meħud tal-ħtieġa li jissaħħaħ il-"prinċipju ta' darba biss" u b'hekk jiġi promoss l-użu mill-ġdid ta' sorsi ta' data amministrattivi u privati eżistenti għal finijiet ta' statistika. Il-Kunsill JAPPELLA għal prijoritizzazzjoni bbilanċjata bejn il-ħtiġijiet tal-utenti, l-ispejjeż u l-piż tar-rappurtar u JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tirrapporta regolarment dwar il-progress miksub. Il-Kunsill JAPPELLA lill-Kummissjoni biex fl-2027 tiżviluppa l-ewwel pakkett immirat lejn is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv f'atti delegati u ta' implimentazzjoni. Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI r-reviżjoni kontinwa tar-rekwiżiti legali eżistenti, bil-ħsieb li jitnaqqsu jew jitwaqqfu dawk ir-rekwiżiti fejn adegwat.

Ir-Rapport tal-Istatus tal-KEF tal-2026 dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tat-titjib ulterjuri fil-kwalità u d-disponibbiltà tal-Indikaturi Ekonomiċi Ewropej Prinċipali (IEEP) u JISSOTTOLINJA it-tkomplija tal-irwol importanti tal-IEEP bħala bażi għall-monitoraġġ tal-iżviluppi ekonomiċi fuq terminu qasir. Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI l-ħidma statistika importanti li għaddejja taħt l-Inizjattiva tal-G20 dwar il-Lakuni fid-Data. Il-Kunsill JILQA' l-aġġornament komplut tal-klassifikazzjoni tal-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur li jiżgura l-kumparabbiltà u r-rilevanza internazzjonali tiegħu għat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Statistika għall-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku

Il-Kunsill JILQA' l-istatistika ta' kwalità għolja li qed tingħata bħalissa dwar il-finanzi tal-gvern għall-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. JIRRIKONOXXI l-ħidma ta' assigurazzjoni tal-kwalità mwettqa għall-istatistika relatata mal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP) u JĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjonijiet identifikati fir-rapport annwali ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-ESS-SEBĊ imħejji mill-Eurostat u d-Direttorat Ġenerali tal-Istatistika tal-BĊE.

Statistika makroekonomika

Il-Kunsill JIEĦU NOTA li l-Kummissjoni biħsiebha tressaq sa tmiem l-2026 proposti leġiżlattivi għall-aġġornament futur tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA 2030) u għall-emenda tar-Regolament BOP (Regolament (KE) Nru 184/2005) biex jiġi żgurat allinjament mas-sistema dinjija tan-NU tal-kontijiet nazzjonali (SNA 2025) u l-manwal tal-Bilanċ tal-Pagamenti (BPM7) u biex isir titjib kbir fil-kejl tad-diġitalizzazzjoni, il-globalizzazzjoni, il-benesseri u s-sostenibbiltà, abbażi ta' sorsi u metodi ta' data affidabbli u robusti. Il-Kunsill JILQA' l-koordinazzjoni tal-ESS u s-SEBĊ fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti statistiċi l-ġodda.

Statistika għad-difiża Ewropea

Il-Kunsill JILQA' l-provvediment ta' data f'waqtha mill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika dwar l-infiq fid-difiża kif definit mill-kontijiet u n-nefqa nazzjonali, inkluż dawk taħt l-istrument SAFE bħala parti mir-rapportar PDE lill-Eurostat, anke għall-applikazzjoni konsistenti tal-Klawżoli Liberatorji Nazzjonali. Il-Kunsill JISSOTTOLINJA l-importanza ta' djalogu u koordinazzjoni msaħħa fost l-awtoritajiet nazzjonali fl-għoti ta' statistika komparabbli, affidabbli u f'waqtha dwar in-nefqa fid-difiża. Il-Kunsill JILQA' l-iżvilupp tal-gwida tal-Eurostat dwar ir-reġistrazzjoni statistika ta' sħubiji pubbliċi-privati għall-infrastruttura tad-difiża.

Statistika dwar l-akkomodazzjoni

Il-Kunsill JILQA' l-pubblikazzjoni tad-dashboard tal-akkomodazzjoni tal-Eurostat u l-kontribut tal-ESS għall-monitoraġġ tas-sitwazzjoni tal-akkomodazzjoni fl-Ewropa f'konformità mal-Pjan għal Akkomodazzjoni Affordabbli. JINKORAĠĠIXXI l-ħidma li għaddejja biex jittejbu l-puntwalità u d-disponibbiltà tal-istatistika dwar l-akkomodazzjoni.

Statistika għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u tal-enerġija

Il-Kunsill JISSOTTOLINJA l-kontribut essenzjali tal-istatistika Ewropea biex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u tal-enerġija. Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-ewwel ġbir obbligatorju ta' data dwar il-kontijiet tal-ekosistema, li jipprovdi data għall-kapital naturali, il-bijodiversità, il-klima, l-ilma u l-politiki tematiċi relatati mal-forestrija. Il-Kunsill JILQ' l-isforzi persistenti ta' kooperazzjoni bejn l-ESS u s-SEBĊ fl-iżvilupp ta' indikaturi relatati mal-klima.

Statistika tal-agrikoltura

Il-Kunsill JISTENNA B'INTERESS il-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-Istatistika Integrata tal-Azjendi Agrikoli, li huwa mistenni jipprovdi l-bażi għall-ġbir tad-data dwar l-azjendi agrikoli għall-2030-2039 kif ukoll itejjeb l-effiċjenza u jnaqqas il-piż tar-rapportar fuq il-bdiewa, inkluż permezz ta' użu mill-ġdid akbar ta' sorsi ta' data amministrattivi u diġitali ġodda.

Statistika dwar id-demografija u l-migrazzjoni

Il-Kunsill JENFASIZZA l-importanza ta' statistika Ewropea ta' kwalità għolja dwar il-popolazzjoni għat-tfassil tal-politiki tal-UE u JISTENNA B'INTERESS l-implimentazzjoni f'waqtha tar-Regolament (UE) 2025/2458 dwar l-Istatistika Ewropea dwar il-Popolazzjoni u l-Akkomodazzjoni (ESOP), applikabbli mill-2028.

Il-Kunsill JILQA' l-pubblikazzjoni mill-Eurostat ta' projezzjonijiet fit-tul tal-popolazzjoni għall-perjodu ta' żmien mill-2025 sal-2100. Il-Kunsill JIRRIKONOXXI l-arranġamenti l-ġodda maqbula bejn l-Eurostat u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil għall-provvediment aktar f'waqtu ta' statistika Ewropea dwar il-protezzjoni internazzjonali, li ser jirriżultaw f'piż ta' rappurtar imnaqqas għall-Istati Membri.

Statistika dwar is-suq tax-xogħol

Il-Kunsill JILQA' l-isforzi tal-ESS biex tagħmel disponibbli data ġdida dwar is-suq tax-xogħol fil-kuntest tal-impatti tal-provvista tax-xogħol fuq il-kompetittività tal-UE, pereżempju permezz tar-rilaxx ta' rati sperimentali tal-postijiet tax-xogħol vakanti skont l-okkupazzjoni u r-reġjun dettaljati, il-modulu tal-UE-LFS li għaddej dwar l-impjiegi tal-pjattaformi diġitali, u l-pubblikazzjoni ta' data dwar iż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol.

Statistika dwar it-turiżmu

Il-Kunsill JIRRIKONOXXI l-impenn tal-ESS li timmodernizza l-istatistika dwar it-turiżmu, b'mod partikolari biex ittejjeb il-fehim tad-dimensjoni ekonomika tat-turiżmu u l-impatt tagħha fuq is-suq tax-xogħol u l-komunitajiet lokali. Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI l-ħidma ta' segwitu relatata u JISTENNA B'INTERESS il-proposta li jmiss tal-Kummissjoni biex jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu.

It-tmintax-il rapport mill-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB) dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tat-tmintax-il rapport tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB), li jagħti ħarsa ġenerali indipendenti lejn is-Sistema Ewropea tal-Istatistika fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika flimkien ma' rakkomandazzjonijiet għat-tisħiħ futur tagħha.